# Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (AT 408)[1]

Ġorġ MIFSUD-CHIRCOP, Ph.D.
*Maltese Department, University of Malta Junior College, Malta*
E-mail: george.mifsud-chircop@um.edu.mt

**Astratt:** *Bħala l-ewwel studju bil-Malti fuq in-narratoloġija tal-ħrafa Maltija tas-seħer, l-awtur jistħarreġ il-mikro-narrattiv 'tas-Seba' Tronġiet Mewwija' li għadu magħruf f'Malta u Għawdex. Fih kumbinazzjoni kumplessa li ma toqgħodx mal-mudell stabbilit ta' Vladimir Propp. Fih żewġ eroj: l-eroj li jfittex kif jirranġa l-ordni żbaljat ta' bħalissa fl-ewwel żewġ taqsimiet jew episodji u li mbagħad isir il-vittma ta' lsira sewda; u l-eroina vvittimizzata li jirnexxilha ġġennen prinċep għal warajha. L-għaqda ta' dawn iż-żewġ eroj tista' tissuġġerixxi t-tlaqqigħ ta' żewġ ħrejjef antiki. L-eroina jkollha ġġarrab bosta esperjenzi, anki tibdil f'suritha, minħabba l-persekuzzjoni mis-sewda.*

**Keywords:** *In-narratoloġija, il-letteratura folkloristika, is-semantika.**

Il-ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' hi waħda mill-aktar ħrejjef erojċi femminili li hija tant popolari f'Malta, bl-aħħar tliet varjanti miġbura minni, waħda mingħand Josephine Demajo mill-Birgu fl-1994–1995, oħra fl-2001 minn Ħal Qormi (imma bħala framment tal-ftuħ u l-għeluq li toqgħod mal-verżjoni sempliċi ta' l-għasfur bit-tip internazzjonali[2] AT 408), u t-tielet fl-2003 miż-Żejtun.

---

* Abstracts and Keywords in English are found at end of paper on p. 52.

[1] Għat-test tal-varjanti mistħarrġa tal-ħrafa, ara, Appendiċi 1, pp. 53–6.

It-taqsira AT qiegħda għall-indiċi internazzjonali tal-ħrejjef ta' Antti Aarne u Stith Thompson, *The Types of the Folkltale. A Classification and Bibliography*, it-2ni ed., Helsinki 1961.

[2] Dan it-tip mifrux mal-pajjiżi Mediterranji fi Franza, Spanja, il-Portugall, Malta, it-Turkija, u l-Ġermanja, l-Ewropa tal-Lvant, u l-Persja. Ara, Ch. Goldberg, 'Imagery and Cohesion in the Tale of the Three Oranges (AT 408)', *Folk-Narrative and World View. Vortäge des 10. Kongresses der Internationalen Gesellschaft für Volkserzählungsforschung (ISFNR), Innsbruck 1992*, I. Schneider and P. Streng (ed.) Vol. 1, 1996, p. 211; K. Hadjioannou, 'Four Types of External Soul in Greek and Other Folk-Narratives', *IV International Congress for Folk-Narrative Research in Athens 1.9.-6.9.1964*, Athens 1965, pp. 143; Ch. Goldberg, *The Tale of the Three Oranges*, Helsinki 1997, p. 98.

Il-verżjoni l-oħra tal-ħuta nġabret minn pajjiżi mifruxa mil-Lvant Nofsani sa l-Italja u Franza fil-punent u, skond Goldberg, 'it-tibdil gradwali fid-dettalji tagħha jimplika li mxiet mil-lvant għall-punent matul l-Ewropa tan-Nofsinhar'. Ara, Goldberg, 'Imagery and Cohesion in the Tale of the Three Oranges (AT 408)', p. 211; ara wkol, id., *The Tale of the Three Oranges*, pp. 83–95, 108, u 187. Fl-oriġinal: '... *[its] gradual changes in its details imply that it travelled from east to west across southern Europe.*'

Il-mikro-narrattiv tagħna huwa kumbinazzjoni kumplessa li ma joqgħodx mal-mudell ta' Vladimir Propp,[3] u fih żewġ eroj: l-eroj li jfittex kif jirranġa l-ordni żbaljat ta' bħalissa fl-ewwel żewġ taqsimiet jew episodji u li mbagħad isir il-vittma ta' l-ilsira sewda; u l-eroina vvittimizzata li jirnexxilha ġġennen prinċep għal warajha. L-għaqda ta' dawn iż-żewġ eroj tista' tissuġġerixxi t-tlaqqigħ ta' żewġ ħrejjef antiki. L-eroina jkollha ġġarrab bosta esperjenzi, anki tibdil f'suritha, minħabba l-persekuzzjoni mis-sewda li teħdilha l-post prestiġjuż tagħha tal-maħbuba, sakemm fl-aħħar tikseb postha mill-ġdid. Ir-rebħa tal-prinċep tasal bl-għajnuna tal-qawwiet meraviljużi. Hu jneħħi s-seħer minn fuq ix-xebba tat-tronġiet, imma kontra l-prinċep tal-ħrafa 'Is-Serp tas-Sebat Irjus' (AT 300) meta l-prinċep jaħdem għall-ġid tas-sultan u tal-komunità,[4] il-prinċep tat-Tronġiet ifittex l-oġġett tas-suċċess (ix-xebba tat-tronġiet) egoistikament. Għalhekk, l-eroj li jfittex fil-bidu tal-ħrafa u li jitlef din il-funzjoni fil-bqija tar-rakkont, jerġa' jaqbad fl-aħħar nett bix-xewqa li jiżżewweġ lix-xebba.

Din il-ħrafa hija eżempju rari ħafna meta l-eroj-suġġett jirnexxi fl-avventura tiegħu waqt li paradossalment ikun qiegħed jitlef il-kompetenza tiegħu bil-mod il-mod. Imma bil-maqlub, u tirrealizza ruħha bħala attriċi-suġġett, ix-xebba tat-'Tronġiet' qed tikseb progressivament il-kompetenza tagħha. In-narratriċi tal-varjanti ta' Manwel Magri titkellem ċar fuq hekk:

> . . . [I]l-għarus ra u sama' ħamiema tħabbat mat-tieqa. . . . Malli fetħu t-tieqa, il-ħamiema *taret* għal fuq l-ispalla ta' l-għarus . . .
>
> Ix-xebba *qaltlu* [lill-prinċep u lill-mistidnin tiegħu] dak kollu li ġralha meta huwa twarrab biex iġibilha l-ħwejjeġ u kif dik is-sewda riedet toqtolha. *(enfasi tiegħi)*[5]

Fil-ħrafa hawn din l-iskema narrattiva li toqgħod sewwa ma' l-istruttura kanonika ta' Propp:

Il-ħamiema terġa' tikseb is-sura ta' bniedma;
is-sewda impustura kkastigata bl-akbar ħruxija
u l-eroj u x-xebba tat-tronġiet jiżżewġu ... it-test glorifikanti.
↓
Il-prinċep ilesti l-ikel u x-xorb għas-seba' tronġa u
x-xebba tgħix. Iħalliha warajh u jmur lura lejn id-dar biex

[3] Goldberg f' *The Tale of the Three Oranges*, p. 51, għandha raġun meta tikkummenta fuq l-iskema ta' Propp li ma fehemx biżżejjed l-istabbilità tal-ħrafa tas-seħer. Fl-oriġinal: '*In (not wholely wrongly) accusing historic-geographical folktale studies of overestimating the stability of magic tales, Propp himself underestimated their stability.*'

Fuq il-merti kbar tax-xogħol ta' Propp u fuq l-iskema tiegħu għall-ħrafa, ara, Ġorġ Mifsud-Chircop (ed.), *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, Edizzjoni Kritika, Malta 1994, pp. 429–453.

[4] Għal varjanti qasira ta' din il-ħrafa, ara, Manwel Magri, Ħrejjef Missirijietna, n. 5, pp. 9–11.

[5] Għat-test, ara, Appendiċi 1.

iġibilha l-ħwejjeġ. Ix-xebba ssib lill-ilsira sewda
li tidħaq biha u tibdilha f'ħamiema . . . it-test ewlieni.

↓

L-eroj jerħilha għall-avventura u jegħleb il-bosta
ostakli biex isib it-tronġiet . . . it-test preliminari.

Is-sewda hija l-eroina falza. Is-sultan li ma għandux tfal u jwiegħed li jibni l-għajn taż-żejt, u l-prinċep li jwaqqa' għaċ-ċajt lix-xiħa, isawru żewġ programmi narrattivi strumentali tal-ħrafa; b'hekk il-prinċep jingħata l-motivazzjoni u d-dmir biex jerħilha għat-tronġiet. Madankollu, waqt li l-funzjoni tat-test ewlieni normalment tixhed l-abbiltà ta' l-eroj, fin-narrattiva tagħna l-eroj huwa dgħajjef wisq fil-livell konjittiv u teħodlu postu x-xebba tat-tronġiet bħala l-eroina tal-ħrafa.

Il-prinċep m'għandux kwalitajiet meraviljużi. Bħax-xebba li tkun għassa mat-tronġiet, huwa attur avventuruż u xejn iżjed. Jgħix fid-dinja reali u fid-dinja tas-seħer, jibda l-vjaġġ tiegħu lejn din l-art tas-seħer, jaf fejn irid jasal, imma ma jafx x'inhuma l-mezzi biex jasal. Hu biċċa mid-dinja tal-bniedem u jibqa' hekk meta jirfes fuq id-dinja tas-seħer. Din l-art għandha bżonn il-medjazzjoni tiegħu biex isibilha tarf il-problemi tagħha, fosthom it-tqassim sewwa ta' l-ikel lill-kelb u lill-ħmar, u l-fidwa tax-xebba tat-tronġiet billi jneħħilha s-seħer minn fuqha.

Is-sitt żbalji li jagħmel biex isalva lit-tronġiet ma tantx juruh fil-kompetenza tiegħu. L-ajjutanti meraviljużi tiegħu huma l-għajn tal-marċa, is-siġra tad-dubbien, il-kelb, il-ħmar, is-sewda, u ż-żewġ iljuni.

Fil-biċċa l-kbira tat-tielet episodju l-prinċep ma jagħmel xejn. Imbagħad fl-aħħar naqra għandu funzjoni polisemika: l-ewwel, għandu rwol ta' medjatur (il-ħamiema::l-isplengun – ix-xebba tat-tronġiet::il-prinċep) biex tingħaraf ix-xebba tat-tronġiet u tinkixef l-ilsira sewda li tkun se teħdilha postha bħala l-maħbuba tal-prinċep; u t-tieni, ir-rwol attanzjali ta' mħallef (ix-xebba tat-tronġiet::il-prinċep:is-sultan u l-pajjiż::l-ilsira sewda) biex jaqtagħhielha għall-mewt.

Is-sewda hija l-viljakka fil-ħrafa, l-għarusa taparsi u għajjura. Għandha kwalitajiet ta' saħħara: l-isplengun għandu xi kwalitajiet tas-seħer, u għalhekk toqgħod xi ftit mad-dinja tas-seħer.

Is-sekwenza sintattika tiżviluppa skond il-prinċipju ta' l-intensifikazzjoni: mis-seba' tronġiet l-eroj isalva l-aħħar waħda. L-ilsira sewda hi l-kontra tagħha, inqas minnha fil-klassi soċjali (x'aktarx hija qaddejja) u fil-ġmiel (hija kerha, wisq aktar fit-taqbila komuni ta' varjanti oħra – 'imnieħer il-lanġasa, xufftejn il-lenbija').[6]

[6] Mifsud-Chircop, (ed.), Manwel Magri. *Hrejjef Missirijietna*, n. 12.1, p. 84; ara wkoll il-kummenti fl-istess ktieb, pp. 515–517.

L-ewwel programm strumentali narrattiv mill-ewwel ibassar l-esperjenzi instabbli li hemm jistennewh lill-eroj: is-sultan u s-sultana m'għandhomx tfal, mela m'humiex familja sħiħa skond il-kultura tradizzjonali Maltija. It-tieni programm strumentali narrattiv jintgħaraf mill-ewwel bl-enfasi li fih fuq l-imġiba t-tajba. Minħabba s-saħta tax-xiħa l-prinċep jinqata' 'l barra mid-dinja umana u b'hekk in-narratriċi ġġibu wiċċ imb'wiċċ mad-dinja tal-meraviljuż. L-iżball tiegħu għal sitt darbiet jisħaq fuq l-umiltà li jkollu jaċċetta fuqu nnifsu.

Il-ħrafa tagħna mibnija bi tliet narrattivi wara xulxin, imma tematikament huma ħaġa waħda minħabba dawn it-trasformazzjonijiet li jgħaqqduhom flimkien (Tx: qabel it-tronġiet; $T_1$: it-tronġiet; $T_2$: ix-xebba tat-tronġiet$_1$; $T_3$: il-ħamiema; $T_4$: ix-xebba tat-tronġiet$_2$):

$$T_x \rightarrow T_1 \rightarrow T_2 \rightarrow T_3 \rightarrow T_4$$

Il-messaġġ bażiku tan-narrattiva u tan-narratriċi jissuġġerixxi iżotopija etero-sesswali billi x-xoviniżmu maskili qed ikun umiljat u l-qagħda dgħajfa tal-mara fil-ħajja m'hix aċċettata anzi qed tkun sfidata biex tinqala' mill-qiegħ li qiegħda fih, għalkemm l-imħabba etero-sesswali u l-ħajja tal-familja jibqgħu xorta waħda fuq quddiem nett. Bħal fi ħrejjef oħra, bħal f''Is-Serp tas-Sebat Irjus', il-firda razzjali tispikka wkoll – is-sewda hija l-viljakka u tinqatel b'kastig bl-aktar mewt kiefra.

Id-dimensjoni konjittiva għandha sehem ċentrali fin-narrattiva u tkompli ssaħħaħ l-argument favur l-umiljazzjoni tar-raġel u li toħroġ aktar billi huwa nobbli, bħal fil-każ ta' ħrejjef oħra Maltin tas-seħer. L-eroj għandu tliet testijiet konjittivi x'jagħmel: l-ewwel jasal biex jikseb l-appoġġ ta' l-għassiesa kollha li suppost kienu qegħdin jgħinu lix-xebba kannibala; imbagħad, wara li jfalli għal sitt darbiet biex isalva lix-xebbiet tat-tronġiet għax ma jirnexxilux irażżan il-ħerqa u l-passjoni tiegħu għalihom u jaqsamhom it-tronġiet biex jarahom ix-xebbiet (għax kieku seta' jistenna xi ftit billi l-palazz ta' missieru ma kienx 'il bogħod), jaqtagħha li jaqbillu jitrażżan fil-passjoni karnali tiegħu; u t-tielet, wara li jħaddem il-ġudizzju mentali tiegħu huwa u jħares lejn l-ilsira sewda fuq is-siġra flok ix-xebba tat-tronġiet, bl-iskunċertament, bis-skiet u bir-rassenjazzjoni tiegħu juri kemm ifalli konjittivament u li għadu nieqes minn sens ta' finezza mentali kbira u jibqa' staġnat f'qagħda ambigwa ħafna.

L-imsejken infixel aktar u aktar meta resaq u raha sewwa [lis-sewda]; ma tniffisx aktar, għax qal f'qalbu: 'Din xortija!'

Madankollu, in-narratriċi ma tikkundannahx: hu jrid jitgħallem mill-esperjenza tiegħu l-lezzjonijiet li hemm lesti għalih fil-ħajja u jirnexxilu jiskappa mhux b'rajh imma bl-inizjattiva tax-xebba ttrasformata tat-tronġiet. Dan jikkuntrasta mal-bidu tal-ħrafa meta bl-għajnuna tat-tlitt ixjuħ jirnexxilu jaħrab minn taħt idejn ix-xebba li

tagħmilha tad-donatriċi falza: is-seba' entitajiet li jiltaqa' magħhom jgħinuh biex jaħrab u mbagħad ma jaċċettawx li jippersegwitawh u b'hekk iwaqqfuha lix-xebba li tkun qed tiġri warajh. Jirnexxilu għax ikun kiseb il-kompetenza tiegħu bis-saħħa tal-laqgħa ritwali fid-dinja tal-meraviljuż mas-seba' għassiesa antropomorfizzati.

**Seba' programmi strumentali narrattivi**




**5 riti tal-passaġġ**

$NP_1$: jirbaħ l-għajn tal-marċa favurih

$NP_2$: jirbaħ is-siġra tad-dubbien favurih

$NP_3$: jirbaħ il-kelb u l-ħmar favurih

$NP_4$: jirbaħ l-ilsira sewda favurih

$NP_5$: jgħasses l-iljuni, jidħol f'dar ix-xebba

**it-testijiet**

$NP_6$: il-konfrontazzjoni (mad-delegati tax-xebba)

$NP_7$: id-dominazzjoni (l-għassiesa nnewtralizzati)

$NP_8$: il-kisba (tas-seba' tronġiet)

Fig. 1. *L-eroj jiddomina d-delegati ta' l-anti-suġġett fil-ħrafa biex jikseb it-tronġiet.*

Id-deċiżjoni ta' l-eroj li jiżżewweġ mhux tronġa waħda imma s-seba' tronġiet tixhed l-immaturità konjittiva tiegħu. Fit-tieni episodju l-prinċep bit-tronġiet f'idejh idum ħafna biex jitgħallem u l-kompetenza tiegħu hija baxxa ħafna f'kuntrast mal-kompetenza tiegħu fl-ewwel episodju. In-narratriċi tisħaq fuq l-inkompetenza fil-konjizzjoni u fl-eżekuzzjoni ta' l-eroj u għalhekk fuq l-irresponsabbiltà tiegħu li jiftaħ it-tronġiet mingħajr ma jkun lestielhom xejn.

Kiser it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitta u minn kull waħda ħarġet xebba, qalet dawk il-kliem, waqgħet u mietet. Meta ra dan bin is-sultan qal: 'Din hija xortija . . . !'

Meta jlestilha l-ikel u x-xorb lis-seba' waħda juri mill-ġdid l-ewwel ħjilijiet tal-kisba tal-konjizzjoni u tal-kompetenza u ta' l-eżekuzzjoni.

'. . . [T]lift sitta u ma fadallix ħlief is-seba' waħda; ma għandix nitlef din ukoll.'
Għaldaqstant kiseb ikel u xorb, għax kien għoddu wasal id-dar, u meta kiser l-aħħar tronġa u harġet ix-xebba u qalet dawk il-kliem, taha tiekol u tixrob.
Ix-xebba ma mititx.

Fl-iskambju ta' bejniethom hu jagħtiha l-ikel u x-xorb u hi tagħtih l-innoċenza tagħha u mħabbitha. Imma l-ġudizzju żbaljat tiegħu, l-irresponsabbiltà u n-nuqqas ta' finezza mentali jerġgħu jidhru fil-kompetenza konjittiva tiegħu: meta jħares b'lura lejn in-narrattiva kollha wieħed jagħraf kemm kienet deċiżjoni tat-tfal li ħalla lix-xebba tat-tronġiet weħidha warajh meta kien viċin daqshekk tal-palazz. U din kienet deċiżjoni illoġika daqs meta għal ħames darbiet la ġab l-ikel u lanqas ix-xorb għat-tronġiet wara l-mewt mhux mistennija ta' l-ewwel waħda għax ma kienx avżat mill-bidu mit-tielet xiħ.

Is-seba' xebba m'hix passiva għal kollox: id-daħk u d-disprezz tagħha quddiem il-vanità spustjata ta' l-ilsira sewda ħdejn is-siġra jikkuntrastaw mad-delużjoni konjittiva u l-ambigwità ta' l-eroj u r-reazzjoni passiva tiegħu aktar 'il quddiem meta jsib lis-sewda flok ix-xebba tat-tronġa fuq is-siġra.

Il-prinċep huwa eroj li jfittex bħala protagonista imma mhux bħala wieħed ta' min jammirah għax perfett f'kollox. Minn banda din il-passività hija karatteristika strutturali u tifsila drammatika tal-ħrafa; mill-banda l-oħra n-narratriċi tagħmel minn kollox biex tgħolli l-eżekuzzjoni tax-xebba tat-tronġa. Il-ħamiema / ix-xebba tat-tronġa bl-isplengun f'rasha tibqa' turi responsabbiltà kbira: fil-verżjonijiet Maltin *tkun hi li tfittex u tagħti l-aqwa ħjiel tal-ġrajja kollha tagħha lill-prinċep* biex imbagħad jieħu l-inizjattiva. It-traġettorja tan-narrattiva tipprojetta lir-raġel u lill-mara li qegħdin ibatu għax iħobbu lil xulxin.

Fit-tielet episodju tat-trasformazzjoni tal-ħamiema/ix-xebba tat-tronġiet tispikka l-passjoni tal-mibegħda fl-ilsira s-sewda bħala l-anti-suġġett. It-theddida tagħha m'għandhiex ħniena. Mal-ġibda fiżika li tħoss lejn il-prinċep hemm l-għira wkoll għax-xebba tat-tronġa. Ir-rivalità li tħoss lejha mimlija niket u mrar minħabba l-inkwiet u l-possibbiltà li titlef il-prinċep. Għalhekk is-sewda bħala persuna għajjura hi mkissra bejn żewġ relazzjonijiet li jaħkmuha għal kollox imma taf li hi stess ma tistax tgħixhom u tgawdihom sħaħ. Tibqa' titħabat sa l-aħħar biex iżżomm postha mal-prinċep, imma bil-kontra tibqa' thewden fuq ir-rivalità li hemm bejnha u x-xebba tat-tronġa meta rnexxielha teħdilha postha. Dan kollu joħloq żbilanċ konjittiv fl-aħħar tal-ħrafa u jirrifletti l-ġlieda soċjali bejn il-klassijiet. Għall-ewwel is-sewda tattakkaha ftit jew wisq impersonalment għax kulma trid hu li twarrabha min-nofs u teħdilha postha mal-prinċep. Imma ladarba x-xebba tat-tronġa tibqa' ħajja u tinbidel fantastikament f'ħamiema, trid toqgħod attenta – kollu ġej mill-fatt li x-xebba tat-tronġa għandha setgħa sopranaturali kif tixhed il-ħila tagħha li tgħix fit-tronġa.

Meta x-xebba tat-tronġa terġa' lura fix-xena bħala ħamiema, is-sewda jkollha tiddeċiedi li teqridha biex tħares il-pożizzjoni delikata tagħha bħala l-għarusa rjali.

Għalkemm sewda u għalhekk suppost soċjalment ma tistax tiżżewweġ lill-prinċep minħabba kruhitha u l-pożizzjoni soċjali tagħha, jirnexxilha tilħaq l-għarusa tiegħu għal xi żmien. Is-sewda, kif ippreżentata min-narratriċi, hija l-mudell perfett ta' dak kollu li wieħed ma jixtieqx li jsib f'mara: hi stupida, kerha, giddieba, qarrieqa, egoista, u kiefra fil-forza selvaġġa li tuża.

**Id-diskursività**

Kif tistqarr Heda Jason, 'il-ġeneru tal-ħrafa tas-seħer . . . jidher li hu tipiku tal-kulturi li għandhom reliġjon universalistika.'[7] In-narrattiva tagħna miżgħuda b'oġġetti li jopraw bħala ħlejjaq animati, bħall-forn, il-bieb u s-siġra li jafu jitkellmu u għandhom id-don tar-rieda, li jibqgħu jafuhulu lil dak li jkun imma jistgħu jivvendikaw ruħhom.

It-tliet spazji tan-narrattiva huma l-meraviljuż, l-uman, u d-dinja ta' bejn l-uman u l-meraviljuż. L-iżvilupp tal-ġrajjiet qiegħed b'mod li l-attur proprju jidher fil-waqt propizju biex jagħmel l-azzjoni li suppost. Ngħidu aħna, il-ħamiema tidher u tiżżewweġ lill-prinċep, u għalhekk tibdel ta' taħt fuq is-sekwenza tal-ġrajjiet fl-aħħar minuta meta kollox jidher li sejjer żmerċ u l-prinċep kien għoddu wasal biex jieħu lill-impustura.

Il-bżonn ta' l-ikel u x-xorb hu tema speċifika fir-rakkont. Malta hija pajjiż aridu. L-għajn taż-żejt turi l-post marġinali fejn jistgħu jiltaqgħu l-bniedem u l-meraviljuż. M'hix kumbinazzjoni li r-rakkont tagħna huwa daqstant popolari f'Malta bħal f'ħafna pajjiżi Mediterranji oħra u fil-Lvant Nofsani. F'Malta l-bjar u l-għejun għandhom tifsiriet simboliċi qawwija. Ngħidu aħna, l-ilma jirrappreżenta l-forza femminili tal-ħajja fil-livell fiżiku u spiritwali (ara, ir-riti tal-magħmudija u l-Knisja bħala l-Għarusa Mistika ta' Kristu u meqjusa bħala l-omm spiritwali ta' kulħadd), l-idromanzija tax-xebba li tkun trid tobsor min se jkun ir-raġel tagħha u l-ħajja li se tqatta' miegħu, u l-bqija.

Tabilħaqq, l-ilma għandu sehem qawwi fil-ħrafa: l-għajn bħala l-isfond tas-saħta tax-xiħa (il-ħruxija hija l-passjoni li tixhed in-nuqqas ta' ftehim), ix-xena umoristika tas-sewda li tħallat ir-rifless tagħha magħha stess, l-iskoperta tagħha meta tilmaħ lix-xebba tat-tronġa mir-rifless fl-ilma, ix-xebba tat-tronġa milquta sew mill-għira u t-taħwid u l-passjonijiet ta' ħeġġa u interess fil-prinċep u ta' għira għaliha, u l-għerusija mal-mara li ma kinitx l-għażla tiegħu.

L-ilbies għandu sehem sħiħ fir-rakkont. Dan jispikka l-aktar bis-saħħa tax-xebbiet għarwenin li jqanqlu l-qilla tal-passjoni ta' l-imħabba etero-sesswali fl-eroj. Is-suċċess tiegħu mas-seba' waħda jagħfas fuq il-kodiċi etiku tal-mistħija u d-dekor:

[7] Heda Jason, 'Aspects of the Fabulous in Oral Literature', *Fabula*, Vol. 19, 1978, p. 23.

hija l-esperjenza tal-passjonijiet li jqanqlulu s-seba' xebbiet tat-trongiet li nisslu fih din il-misthija.[8] Barra minn hekk hemm il-kruha tas-sewda gharwiena fit-tieni episodju li trid tnessi s-swidija tagħha biex tgħatti l-qerq tagħha.

**Is-semantika diskursiva**

Is-simboli daqs tazza ilma nistgħu nimmiżinterpretawhom jekk nifirduhom mill-kuntest tagħhom. Fil-ħrejjef Maltin tas-seħer il-firxa ta' l-ilma, bħall-baħar u n-nixxigħat, teħodna fil-bidu ta' dinja oħra. In-nixxiegħa/il-bir hu t-tokk fil-kampanja. Jekk tissemma nixxiegħa/bir, isseħħ bidla żgur, jew bħala mogħdija għad-dinja tas-seħer (ara, il-ħrafa ta' 'Djamantina'), jew l-ilma tagħhom ikun il-mezz għat-trasformazzjoni. Fil-ħrafa tagħna x-xena ta' l-ilma hija sterjotipata imma għandha funzjoni ċentrali biex iseħħ it-tieni episodju. Is-siġra li telgħet fuqha x-xebba tat-tronġa u mbagħad l-ilsira sewda tfakkar fis-siġra l-oħra li fuqha kibru t-trongiet, jew fil-għajn taż-żejt fejn jiltaqgħu x-xiħa u l-prinċep. Fin-narrattiva Maltija l-ilma jidher simbolikament li hu post tajjeb fejn iseħħu t-tradimenti u t-trasformazzjonijiet bejn in-nisa.

Iċ-ċitru (imma mhux il-lumi), u l-aktar it-tronġ, minn dejjem kienu s-simbolu tal-maturità sesswali, tal-fertilità u ta' l-imħabba fil-ħrejjef Maltin. Jikber ħafna f'pajjiżna u l-kuluri qawwija u xemxin tat-tronġ u tal-larinġ jikkuntrastaw b'mod sabiħ mal-weraq ħadrani u leqqien tas-siġra. It-tronġ huwa rari u eżotiku f'Malta u jrid ix-xemx u l-ilma biex jikber. Għalhekk, il-motif tal-frotta jidher ittriplikat għal darbtejn bħala enfasi. Għalhekk, ix-xebbiet li joħorġu mill-frottiet jintrabtu mal-mistiku tal-frotta. Meta s-seba' xebbiet joħorġu mit-tronġiet ikunu l-ikel u x-xorb jew in-nuqqas tagħhom li jżommhom ħajjin jew ikollhom imutu. In-narratriċi tisħaq li l-eroj kiser l-ewwel tronġa meta '[w]aqaf jistrieħ', u dan jimplika li kien bil-għatx u bil-ġuħ. L-għatx u l-ġuħ ta' l-eroj u tax-xebbiet huma reċiproċi. It-tnejn jikkummentaw fuq in-nixfa ta' Malta u jbassru l-għatx u l-ġuħ emozzjonali li għandhom għal xulxin. Hawn tispikka l-konfigurazzjoni 'stima-ammirazzjoni-qima': l-istima ta' l-eroj imnissla mill-fehma tajba li għandu fuq il-merti u s-siwi tat-tronġiet; l-ammirazzjoni tiegħu mnissla mis-sentiment ta' ferħ u pjaċir huwa u jitpaxxa bihom individwalment quddiemu u jqishom li m'hemmx aqwa minnhom għall-ġmiel fiżiku; u l-qima tiegħu għal kull waħda minnhom imnissla mill-ammirazzjoni u l-affezzjoni li jħoss lejhom. L-effett ta' din is-sensiela tat-tliet passjonijiet fuq l-udjenza huwa drammatiku minħabba fl-intensità dejjem tielgħa bis-sitt xebbiet li jmutu bil-għatx u l-ġuħ u l-aħħar waħda meħlusa mill-mewt bis-saħħa tax-xorb u l-ikel f'waqthom.

[8] Ara wkoll, Mifsud-Chircop, 'Il-Karattri Rġiel u l-Karattri Nisa', *Manwel Magri. Hrejjef Missirijietna*, pp. 472–473.

Għalhekk, it-tronġiet mgħammra bix-xebbiet imsaħħra u impermanenti qegħdin għad-disponibbiltà sesswali.

**Il-figurattivazzjoni**

Dan ir-rakkont juri t-tendenza fil-ħrejjef li jagħżlu figuri differenti għat-tajjeb u għall-ħażin, għas-sabiħ u l-ikrah milli jgħaqqduhom flimkien. Iż-żewġ assjoloġiji tan-narrattiva huma ċari: aktar milli kwistjoni ta' mħabba jew ta' kunflitt bejn l-għarusa magħżula u l-għarusa għajjura, ir-rakkont jipprojetta l-ħajja bħala proċess ta' inizjazzjoni għar-raġel, u ta' inizjattiva u persistenza għall-mara biex toqgħod fuq saqajha, jgħid x'jgħid ir-raġel, għalkemm dejjem bil-ħsieb ċar li tibni familja fuq sisien sodi.

*Għar-raġel.* Ir-rakkont jimplika li r-raġel, huma x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu, irid jifhem il-ħajja bħala proċess ta' inizjazzjoni. Il-prinċep tant hu mimli bih innifsu li joqgħod jgħaddi ż-żmien bix-xiħa. Imma fl-ewwel u fit-tieni episodji l-eroj dejjem nieżel għan-niżla fil-kompetenza tiegħu u dejjem għaddej jitlef il-paċi tal-qalb li kellu fil-bidu. Huma l-inizjattiva u l-persistenza tax-xebba tat-tronġiet li jirranġawlu kollox. Għalhekk, l-aspett maskili huwa dgħajjef ħdejn l-aspett femminili. L-eroj huwa aktar namrat bla esperjenza milli ġellied. Bl-imġiba tiegħu max-xiħa u ma' l-ilsira sewda juri kemm għadu immatur għall-imħabba.

*Għall-mara.* Bħal fil-każ tal-ħrafa ta' 'Ċiklemfusa/Germuda-Żermuda', il-mara trid tqum fuq tagħha u tilqa' għall-problemi u s-sitwazzjonijiet diffiċli li toħolqilha xi mara oħra/xi nisa oħra u tara kif tagħti sens lil ħajjitha kif jidhrilha hi. L-aspett meraviljuż tat-tronġiet li jibdlu s-sura tagħhom jixhed il-flessibbiltà tal-mara, il-ħila li tieqaf kontra kull min jipprova jeħles minnha. Is-suriet li tidher fihom fil-ħrafa bħala tronġa u bħala ħamiema jirrappreżentaw xi aspetti tal-ġmiel femminili. In-narratriċi qed tgħid lil kull mara Maltija li tħossha mwarrba jew m'hix irrispettata, li jekk tgħix bid-dinjità kollha, hi tkun tista' tittama li tegħleb lil kull għadu mingħajr ma teħodha miegħu direttament. Il-mara għandha tidħol fil-problemi tagħha mingħajr ma ddeffes fihom lill-maħbub tagħha. Għax dan jew xi figura oħra ta' awtorità x'aktarx li ma jifhimx, moħħu ma jaqax għall-bżonnijiet tagħha, għalkemm m'hux fil-fatt tort tiegħu kulma qed jiġrilha. Il-ħajja tax-xebba tat-tronġa hija taqtigħa bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-ġmiel u l-kruha, bejn it-tmexxija rjali u l-jasar.

Fl-isfond ta' l-Istorja Soċjali ta' Malta fl-aħħar tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin, in-narratriċi qed tisħaq bla tlaqliq il-fehma tagħha li l-ġilda bajda hija aqwa mill-ġilda sewda, daqskemm it-tajjeb huwa aqwa mill-ħażin, il-virtù mill-ħażen, u hekk għandhom jgħallmu l-ġenituri lil uliedhom biex jibnu familja b'saħħitha. Fir-rakkont tagħna l-mara hi l-waħdanija mill-atturi kollha li tirbaħ tabilħaqq sa l-aħħar.

Il-ġmiel ta' ġisem ix-xebba tat-tronġa jixhed l-innoċenza u d-delikatezza. M'hix kumbinazzjoni li hi tkun mibdula f'ħamiema *'[Il-ħamiema] kienet bajda silġ'*. Din it-tajra fil-kultura kattolika Maltija tfisser is-safa, id-divinità (l-Ispirtu s-Santu), l-ispiritwalità, is-sliem, in-nobbiltà, id-delikatezza, il-ġmiel, u l-fertilità. Il-laqgħa ta' l-ilsira sewda bħala l-għarusa falza u l-prinċep fejn in-nixxiegħa hija dehra mgħawġa tax-xena ta' l-għerusija. L-ambizzjoni tagħha mimlija qerq biex taparsi lix-xebba tiflilha xagħarha hija forma żbaljata ta' dehra meħuda mill-ħajja tan-nisa meta f'okkażjonijiet speċjali, l-aktar nhar it-tieġ, jitolbu lil xi mara biex tirranġalhom xagħarhom b'xi mod speċjali. L-isplenguni kienu u għadhom biċċa mis-seħer simpatetiku tal-Maltin, l-aktar fl-invultwazzjoni. Fit-twemmin ritwali l-azzjoni hija simbolika, imma fil-ħrafa l-attakk iseħħ tabilħaqq għax iġġarrbu l-eroina.

Il-qofol ta' din il-ħrafa, bħal fil-każ ta' ħrejjef oħra Mediterranji u mil-Lvant Nofsani, qiegħed għall-adulti u lilhom l-aktar li għandu jinteressa, mhux lit-tfal. Dan imur kontra l-fehma popolari ta' ħafna fil-mitejn sena li għaddew, l-aktar fil-Ġermanja, l-Ingilterra, u l-Istati Uniti, u anki minn qabel it-Tieni Gwerra hawn Malta, li l-ħrejjef qegħdin għat-tfal.

**Abstract:** *This is the first study on Maltese Märchen. The author analyses 'The Seven Inhabited Citrons' micro-narrative (AT 408) which is still popular in contemporary Malta and Gozo. This variant is a complex combination which does not follow Vladimir Propp's model. There are two heroes: the male hero who searches to re-establish order in the first two episodes and then becomes the victim of the blackamoor; and the victimized heroine who makes hero fall madly in love with her. This unified plot may hint at a combination of two old narratives. The heroine must undergo various experiences, including change in her body as a result of blackamoor's persecution.*

**Keywords:** *Narratology, discourse, folk literature, semantics.*

# APPENDIĊI 1

## Is-Seba' Tronġiet Mewwija[9]

Darba kien hemm sultan li ma kellux tfal. Dan għamel wegħda li jekk ikollu, jagħmel għajn taż-żejt għan-nies biex jeħduh b'xejn.

Is-sema bagħatlu sabi[10] u s-sultan żamm kelmtu: il-għajn taż-żejt għamilha quddiem il-palazz tiegħu.

Din il-għajn diemet[11] tarmi sakemm it-tifel kiber. Darba meta kienet għoddha nixfet għal kollox, resqet fuqha mara xiħa u bdiet tlaqqat iż-żejt b'qoxra ta' bajda, imbagħad mill-qoxra tiġbru b'tajjara u t-tajjara tagħsarha ġewwa kus.

Bin is-sultan, li kien qiegħed jara dan kollu minn wara t-tieqa, beda jidħak kemm jiflaħ, waddab żrara u farrak il-qoxra tal-bajda f'idejn ix-xiħa. Dina tħares madwarha u ma tara lil ħadd; dak dejjem jidħak; jitfa' żrara oħra, jolqot il-kus u jkissru. Din id-darba x-xiħa lemħitu u qaltlu: 'Huwa int? Jarrak[12] tiżżewweġ is-seba' tronġiet mewwija!'[13]

Meta dak semagħha mar għand missieru u qallu: 'Irrid niżżewweg is-seba' tronġiet mewwija.'

Is-sultan ried inaħħilu[14] dan il-ħsieb minn rasu; imma kien kollu għalxejn.

Telaq immela bin is-sultan mingħand missieru u mar għal għonq it-triq. Iltaqa' ma' xiħ u qallu: 'Is-sliem għalik, nann!'

'Sewwa,' wieġbu dak, 'sewwa għamilt tgħidli s-sliem għalik; għax kieku ma għedtlix, kont nibilgħek belgħa u nġerrgħek ġergħa.'

'Nann,' raġa' qallu t-tifel, 'fejn insib is-seba' tronġiet mewwija?'

'Eh x'ħaġa hija din,' qallu. 'Kemm ġew ma reġgħux lura! Imma inti imxi 'l quddiem u ssib ieħor ixjeħ minni u egħref minni; jista' jkun li jgħidlek.'

Dak qabad it-triq darb'oħra u sa fl-aħħar iltaqa' ma' xiħ ieħor. Malli lemħu qallu: 'Is-sliem għalik, nann!'

'Sewwa għamilt,' qallu x-xiħ, 'tgħidli s-sliem għalik; għax kieku ma għedtlix, kont nibilgħek belgħa u nġerrgħek ġergħa.'

'Nann,' qallu t-tifel, 'fejn insib is-seba' tronġiet mewwija?'

[9] Ħrafa miġbura minn Manwel Magri mingħand omm Sir Antonio Micallef, il-President tal-Qrati. Ara, Mifsud-Chircop, *Manwel Magri. Hrejjef Missirijietna*, n. 12.1, pp. 70--77.

[10] Tifel.

[11] Flok 'damet' tal-Malti Standard tal-lum, għalkemm għadha tinstema' ħafna f'bosta rħula.

[12] Kemm nixtieqek.

[13] Mgħammrin, fertili.

[14] Flok 'ineħħilu' fil-Malti Standard tal-lum.

'Eh ibni, x'ħaġa hija din li trid taf,' qallu dak. 'Kemm ġew u ma reġgħux lura! Iżda inti mur 'il quddiem u ssib ieħor ixjeħ minni u egħref minni; jista' jkun li jgħidlek.'

Daka għadda 'l quddiem u mexa ħafna u sa fl-aħħar iltaqa' ma' xiħ ieħor. Malli lemħu qallu: 'Is-sliem għalik, nann!'

'Sewwa għamilt,' qallu, 'tgħidli s-sliem għalik; għax kieku ma għedtlix, kont nibilgħek belgħa u nġerrgħek ġergħa.'

'Nann,' qallu dak, 'ma tgħidlix fejn insib is-seba' tronġiet mewwija?'

'Eh,' qallu x-xiħ, 'xi trid tagħmel! Kemm ġew għalihom u ma reġgħux lura! Inti ismagħni sewwa; imxi 'l quddiem u tara għajn tal-marċa.[15] Għidilha, "Għajn ta' l-ilma żahar, li ma kontx imgħaġġel, kont nixrob minnek."

'Imbagħad tilmaħ siġra tad-dubbien, għidilha, "Siġra tal-passulina, li ma kontx imgħaġġel kont niekol minnek."

'Tara mbagħad kelb irid jiekol it-tiben u ħmar il-għadam: ħu l-għadam u 'tihom lill-kelb, u t-tiben agħtih lill-ħmar.

'Għaddi 'l quddiem u tara lsira sewda tnaddaf il-forn b'idejha, għidilha, "Xebba sabiħa, int b'idejk tiknes il-forn? Ħa t-tarf tal-mant tiegħi u naddaf bih."

'Għaddi 'l quddiem u tilmaħ żewġ iljuni bilqiegħda mal-ġnieb ta' bieb kbir aħdar; jekk għajnejhom ikunu magħluqin, tersaqx, għax jekluk; jekk ikunu miftuħin, ersaq, għax il-ljuni[16] jkunu reqdin. Mur lejn il-bieb li jħabbat mar-riħ, agħmillu ħaġra u ħabbat.

'Tiġi xebba tiftaħlek. Malli taraha għidilha, "Ġejt għas-seba' tronġiet mewwija." Hija tgħidlek, "Ħalli mmur fuq inġibhom." Inti tistenna xejn, għax ix-xebba tmur biex issinn snienha u tieklok; iżda aħtaf it-tronġiet li huma fuq l-ixkaffa tal-bieb u aħrab bihom għal barra.

Bin is-sultan għamel dak kollu li qallu x-xiħ. Meta x-xebba ma sabitx is-seba' tronġiet, ħarġet tiġri barra wara t-tifel u qalet lil-ljuni: 'Aqbduhuli u ibilgħuh!'

Il-ljuni qalulha: 'Aħna ma rajniehx la jidħol u lanqas joħroġ.'

Ix-xebba, dejjem tiġri, qalet lil-lsira:[17] 'Aqbadhuli u ixħtu ġewwa l-forn!'

'Le,' qaltilha l-lsira, 'għax huwa qalli, "xbejba sabiħa" u tani mil-lbies tiegħu biex niknes il-forn!'

Ix-xebba qalet lill-kelb: 'Aqbadhuli u igdmu!'

'Le,' qallha l-kelb, 'għax huwa biss tani niekol l-għadam u naħħa minn quddiemi t-tiben!'

Dika qalet lill-ħmar: 'Mur għalih u agħtih biż-żewġ!'

'Le,' qallha, 'għax huwa biss għalifni t-tiben u warrab minn quddiemi l-għadam!'

Dika qalet lis-siġra tad-dubbien: 'Inxteħtu għal fuqu, dawruh u giddmuh!'

[15] Demm imħassar, materja safranija fl-aħdar.
[16] Flok 'l-iljuni' fil-Malti Standard tal-lum.
[17] Flok 'lill-ilsira' fil-Malti Standard tal-lum.

'Le,' qalulha, 'għax huwa sejħilna "siġra tal-passulina"!'

Hija fl-aħħar qalet lill-għajn tal-marċa: 'Għajn, għarrqu ġewwa fik!'

'Le,' qaltilha l-għajn, 'għax huwa sejjaħli, "għajn ta' l-ilma żahar"!'

U hekk ħadd ma messu u wasal bis-sliema f'lok fejn ma kien hemm ħadd. Waqaf jistrieħ u kiser waħda mis-seba' tronġiet.

Malli kisirha ħarġet minnha xebba, qalet: 'Ġuħ (bil-ġuħ), ġuħ! Għatx (bil-għatx), għatx!' Waqgħet u mietet.

Kiser tronġa oħra, ħarġet xebba oħra, qalet: 'Ġuħ, ġuħ! Għatx, għatx!' Waqgħet u mietet.

Kiser it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitta u minn kull waħda ħarġet xebba, qalet dawk il-kliem, waqgħet u mietet.

Meta ra dan bin is-sultan qal: 'Din hija xortija: tlift sitta u ma fadallix ħlief is-seba' waħda; ma għandix nitlef din ukoll.'

Għaldaqstant kiseb ikel u xorb, għax kien għoddu wasal id-dar, u meta kiser l-aħħar tronġa u ħarġet ix-xebba u qalet dawk il-kliem, taha tiekol u tixrob.

Ix-xebba ma mititx. Kienet sabiħa daqs ix-xemx u xagħarha kien hekk twil li jiksiha kollha kemm hi, minn fuq rasha sa riġlejha: bilkemm kienet tidher nitfa minn wiċċha.

'Issa kif sejjer nieħdok hekk,' qallha bin is-sultan, 'quddiem missieri u ommi mingħajr ilbies?' Għax hija, barra minn xuxitha, ma kellhiex kisi ieħor.

Għalhekk qallha titla' fuq siġra li kien hemma u tistennieh sakemm imur iġibilha l-lbies. Hija telgħet fuq is-siġra u huwa telaq għall-palazz.

Issa ħdejn dik is-siġra kien hemm għajn ta' l-ilma li tagħmel għadira fl-art.

Ġiet biex timla l-ilma xebba sewda b'qolla f'idha.

Malli resqet lejn il-għadira rat fiha xbiha ta' wiċċ ta' mara: ħasbitu tagħha: 'I!' qalet. 'U mbagħad jgħidu li jiena kerha u li xufftejja kbar!'

Malli qalet dan il-kliem semgħet tifqigħa tad-daħk.

Refgħet rasha u lemħet ix-xebba fuq is-siġra.

Ħalliet il-qolla fl-art u qalet lil dik: 'Ħallini nitla' ħdejk.'

Telgħet, qagħdet ħdejha u qaltilha: 'Ħallini niflilek rasek.'

Dik ħallietha u qaltilha li hija qiegħda hemm tistenna l-għarus tagħha bil-ħwejjeġ. 'I! X'xagħar sabiħ għandek,' reġgħet qaltilha s-sewda, u ma' dan il-kliem siltet minn ħobbha splingun u deffsithulha f'rasha kollu kemm hu.

Malli daħal f'rasha, ix-xebba saret ħamiema, taret u għabet.

Wara ftit wasal bil-ħwejjeġ bin is-sultan u malli rafa' rasu għal fuq is-siġra lemaħ is-sewda; baqa' mistagħġeb iħares lejha. 'Kif inti hekk sewda?' qallha mill-bogħod.

'Għax domt?' weġbitu. 'Ix-xemx ħarqitni.'

'X'domt? Bilkemm kelli ż-żmien immur id-dar, u din ma hix fil-bogħod!'

L-imsejken infixel aktar u aktar meta resaq u raħa sewwa; ma tniffisx aktar, għax qal f'qalbu: 'Din xortija!'

Ħa mmela s-sewda għand missieru u ommu; dawna u kull min raħa baqgħu mistagħġbin; imma issa din kienet il-għarusa! Għalhekk meta wasal iż-żmien, tejġuhom.

Nhar it-tieġ waqt li kienu mal-mistednin fuq il-mejda u l-għarusa kienet qiegħda ħdejn bin is-sultan il-għarus ra u sama' ħamiema tħabbat mat-tieqa.

Qal lin-nies tiftaħ it-tieqa u tħalli l-ħamiema tidħol; imma l-għarusa ma riditx. Il-ħamiema dejjem tittajjar u tħabbat u l-għarus sa fl-aħħar ikkmanda jiftħulha. Malli fetħu t-tieqa, il-ħamiema taret għal fuq l-ispalla ta' l-għarus. Kienet bajda silġ.

Il-għarusa tgħidlu: 'Ħalliha! Ħalliha! Xi tridha . . . ?' U huwa jżiegħel biha. Waqt li subgħajh kienu jmissulha rasha, ħass fiha ras ta' labra kbira. 'I!' qal. 'Dan x'inhu li għandha f'rasha?'

Silet l-isplingun u l-ħamiema bajda saret ix-xebba li kienet ħarġet minn ġewwa l-aħħar tronġa.

Ix-xebba qaltlu dak kollu li ġralha meta huwa twarrab biex iġibilha l-ħwejjeġ u kif dik is-sewda riedet toqtolha.

Qabdu għaldaqshekk lil dik is-sewda bħal qattiela, telquha f'idejn l-imħallfin, naħħewha, qaxxruha u l-ġild tagħha għamluħ ħasira għall-bieb.

U x-xebba tat-tronġa l-mewwija żewġuha lil bin is-sultan.

U għammru u tgħammru u spiċċat.

## Biblijografija


ALEXANDRESCU, Sorin, 'Axiologique', *Sémiotique. Dictionnaire raisonné de la théorie du langage*, 2, Algirdas Julien Greimas u Joseph Courtés, ed., Paris, 1986, pp. 26–27.

BREMOND, Claude, 'Le message narratif', *Communications*, 4, 1964, pp. 4–32.

BREMOND, Claude, 'Logique des possibles narratifs', *Communications*, 8, 1966, pp. 60–76.

BREMOND, Claude, 'Morphology of the French Folktale', *Semiotica*, 2, 1970, pp. 247–276.

BREMOND, Claude, *Logique du récit*, Paris 1973.

BRODEN, T.F., 'Commemorative Essay. A. J. Greimas (1917–1992)', *Semiotica*, 105, 3/4, 1995, pp. 207–242.

CARGAL, Timothy B., 'The Generative Trajectory in Certain Non-Western Cultures', f'Daniel Patte, *The Religious Dimensions of Biblical Texts. Greimas's Structural Semiotics and Biblical Exegesis*, Georgia 1990, pp. 265–275.

COLBY, Benjamin N., 'A Partial Grammar of Eskimo Folktales', *American Anthropologist*, 75, 1973, pp. 645–662.

COLBY, Benjamin N., 'Analytical Procedures in Eidochronic Study', *Journal of American Folklore*, 86, 1973, pp. 14–24.

COURTÉS, J., *Introduction à la sémiotique narrative et discursive*, Paris 1976.

COURTÉS, J., 'Pour une sémantique des traditions populaires', *Actes sémiotiques – Documents*. Documents du Groupe de Recherches sémio-linguistiques EHESS/CNRS, Institut National de la Langue Française, VII, 65, Paris 1985.

COURTÉS, J., *Le conte populaire: poétique et mythologie*, Paris 1986.

COURTÉS, J., *Analyse sémiotique du discours. De l'énonce à l'énonciation*, Paris 1991.

DUNDES, Alan, *The Morphology of the North American Indian Folktales*, Helsinki 1964.

GRAMBO, Ronald, 'Structuralism and the Law of Immanence. Some Critical Observations', *Fabula*, 19, 1978, pp. 32–39.

GREIMAS, Algirdas Julien, *Sémantique structurale*, Paris 1966.

GREIMAS, Algirdas Julien, *Structural Semantics. An Attempt at a Method*. Trans. Daniele McDowell, Ronald Schleifer u Alan Velie, Lincoln and London 1983.

GREIMAS, Algirdas Julien, *Du sens*, Paris 1970.

GREIMAS, Algirdas Julien, 'Les actants, les acteurs et les figures', *Sémiotique narrative et textuelle*, recueil collectif, Paris 1973.

GREIMAS, Algirdas Julien, *Du sens II: Essais sémiotiques*, Paris 1983.

GREIMAS, Algirdas Julien, *Del senso 2. Narrativa, modalità, passioni*, Patrizia Magli u Maria Pia Pozzato. Milano 1984.

GREIMAS, Algirdas Julien, Maupassant. *La sémiotique du texte: exercises pratiques*, Paris 1976.

GREIMAS, A. J. u J. Courtés, *Sémiotique: dictionnaire raisonné de la théorie du langage*, Paris 1979.

GREIMAS, A. J. u J. Courtés, *Semiotics and Language: An Analytical Dictionary*, Trans. Larry Crist, Daniel Patte, *et alii*. Bloomington 1983; Vol. 2, Paris 1986.

GREIMAS, Algirdas Julien u Paul Ricoeur, 'On Narrativity' [1984], trad. u addattament ta' Paul Perron u Frank Collins, *New Literary History*, 20, 1989, pp. 551–562.

HÉNAULT, Anne, *Narratologie, sémiotique générale. Les enjeux de la sémiotique*: 2, Paris 1983.

JASON, Heda, 'Aspects of the Fabulous in Oral Literature', *Fabula*, 19, 1978, pp. 14–31.

JASON, Heda u Dimitri Segal, 'Introduction', *Patterns in Oral Literature*, The Hague 1977, pp. 1–10.

KÖNGÄS Maranda, Elli K. u Pierre Maranda, ed., *Structural Models in Folklore and Transformational Essays*, The Hague 1971.

LARSEN, Svend Erik, 'Un essai de sémiotique transatlantique: la notion d'objet chez Brøndal, Peirce et Greimas', *Langage*, Septembre 1991, pp. 103, 107–122.

LÉVI-STRAUSS, Claude, 'The Structural Study of Myth', *Journal of American Folklore*, 68, 1955, pp. 428–444.

LÉVI-STRAUSS, Claude, *Structural Anthropology*, I. Trans. C. Jacobson u B. Schoepf, New York 1963.

LÉVI-STRAUSS, Claude, *Mythologiques*, Vols. I-IV, Paris 1964–1971.

LÉVI-STRAUSS, Claude, *Structural Anthropology*, II. Trad. M. Layton, New York 1976.

MARANDA, Pierre, ed. Meletinskij, Eleazor M., Sergej Iu. Nekliudov, Elena S. Novik u Dimitri M. Segal, *Soviet Structural Folkloristics*, 1, 1971.

MIFSUD-CHIRCOP, Ġorġ, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, Malta 1994.

PATTE, Daniel, *Structural Exegesis for New Testament Critics*, Pennsylvania 1990.

PATTE, Daniel, *The Religious Dimensions of Biblical Texts. Greimas's Structural Semiotics and Biblical Exegesis*, Georgia 1990.

POZZATO, Maria Pia, 'Osservare l'osservatore. Alcune considerazioni generali su aspettualità e discorso', Atti del XIV Convegno AISS, Costantino Marmo u Isabella Pezzini, ed. *Carte semiotiche*, Rivista dell'Associazione Italiana di Studi Semiotici, Firenze 4–5, Settembre, 1988, pp. 173–9.

RICOEUR, Paul, *Hermeneutics and the Human Sciences. Essays on Language, Action and Interpretation*, John B. Thompson, ed. and trans., Cambridge 1981.

SOURIAU, Étienne, *Les deux cent mille situations dramatiques*, Paris 1950.

SCHOLES, Robert, *Structuralism in Literature. An Introduction*, New Haven and London 1974.

STRADA, V., ed., 'Folkloristica russa e i problemi del metodo strutturale', Eleazor M. Meletinskij, Sergej Iu. Nekliudov, Elena S. Novik u Dimitri M. Segal, *Ricerche semiotiche*, Roma 1973, pp. 401–432.

TODOROV, Tzvetan, *Grammaire du Décaméron*, The Hague 1969.